MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 982/2001/1

**Carabott Limited**

**vs**

**Frank Hallett u b'digriet tal-14 ta' Frar 2002 jizdiedu l-kliem "Frances konjugi".**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 ta' Dicembru tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, mitejn u hamsin lira Maltija (Lm3,250.00,0) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' oggetti tad-deheb lilhom mibjugha u konsenjati;**

**2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji datati 18 ta' Jannar, 2001 u 6 ta' Marzu 2001 u tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Mejju 2001 u bl-interessi mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-4 ta' Jannar tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi ma kienx Frank Hallett li mar jixtri l-oggetti tad-deheb imsemmija fl-avviz imma kienet inkluza martu Frances illi din ma giet bl-ebda mod proceduralment in kawza fl-avviz;**

**2. Illi l-oggetti mibjugha ma kinux tal-kwalita pattwita anki kien hemm ingann u konsegwentement l-ecipjenti ma ghandhomx ihallsu prezz ghall-oggett inferjuri li gie kkonsenjat lilhom;**

**3. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-konvenuti xtraw "collier" tad-deheb minghand is-socejta' attrici ghall-prezz ta' disa' telef u tlett mitt Lira Maltija, (Lm9,300.00,0);**

**2. Illi dan l-"collier" gie ikkonsenjat lill-konvenuti fid-9 ta' Jannar ta' l-1996 wara diversi laqghat bejn il-partijiet biex jaqblu fuq id-disinn u l-kwalita' tal-hagar;**

**3. Illi sad-data tal-konsenja fuq indikata l-konvenuti jirrizulta li kien ghad kellhom ihallsu lis-socjeta' attrici bilanc ta' elfejn u sitt mitt Lira Maltin, (Lm2,600.00,0), ghal gojjelli precedentement mixtrija 'bin-nifs' mill-istess socjeta';**

**4. Illi sad-data fuq riferita l-ammont totali li l-konvenuti kienu qabblu li jhallsu lis-socjeta' attrici kien ta' tnax-il elf, mitejn u tnejn u sebghin Lira Maltin, (LM12,272.00,0);**

**5. Illi l-konvenuti ntrabtu li jhallsu dan l-ammont f'pagamenti rateali ta' mitejn Lira Maltin, (Lm200.00,0), fix-xahar;**

**6. Illi sa nofs is-sena 1999 il-pagamenti tal-konvenuti hekk pattwiti kienu regolari;**

**7. Illi sussegwentement il-pagamenti tnizzlu unilateralment ghall-mija u hamsin Lira Maltija, (Lm150.00,0), fix-xahar;**

**8. Illi finalment il-pagamenti twaqqfu kompletament;**

**9. Illi l-konvenuti bdew igibu diversi ragunijiet ghal dan u sahansitra fl-ahhar bdew ukoll jallegaw kwalita' skadenti biex ma jkomplux jaffettwaw il-pagamenti rateali minnhom patwiti;**

**10. Illi l-bilanc dovut mill-konvenuti hu dak ta' tlett telef mitjen u hamsin Lira Maltin, (Lm3,250.00,0), (ara fol 15);**

**11. Illi l-"collier" in dizamina ghadu fil-pussess tal-konvenuti;**

**12. Illi ghalhekk ittiehdet din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi da parti taghhom il-konvenuti jallegaw is-segwenti:**

**1. Illi hu pacifiku li xtraw il-"collier" meritu ta' din il-procedura ghall-prezz indikat precedenti;**

**2. Illi hu wkoll pacifiku illi fost il-kondizzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet stipulaw li l-konvenuti kellhom ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont rateali ta' mitejn Lira Maltin (Lm200.00,0), fix-xahar u sahansitra gieli hallsu anke aktar;**

**3. Illi madwar sentejn u nofs wara l-konkluzjoni tal-kompra-vendita in dizamina l-konvenut hass il-bzonn li jmur japprezza l-"collier" de quo u kien infurmat li s-sett ma kienx jiswa aktar minn erba' telef Lira Maltin, (Lm4,000.00,0);**

**4. Illi munit b'din l-informazzjoni l-konvenut isostni li mar ikellem lil Mario Carabott tas-socjeta' attrici li baqa' jsostni l-valur pattwit bejn il-partijiet;**

**5. Illi l-konvenut isostni wkoll li baqa jhallas l-ammont rateali pattwit sa l-ammont ta' sitt telef, erba' mija u tnejn u ghoxrin Lira Maltin, (Lm6,422.00,0), u hemm iddecieda li ma jkomplix ihallas ir-rati pattwiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi tenut kont tar-rizultanzi kif fuq esposti din il-qorti tirrileva s-segwenti:**

**1. Illi l-allegazzjoni ta' agir frawdolenti jew ghallanqas ta' prezz ezorbitanti sollevata mill-konvenuti ma gietx ezaminata gudizzjarjament skond il-ligi stante li min allega baqa' ma pprovax l-allegazzjoni tieghu f'din il-procedura;**

**2. Illi in oltre, l-konvenuti naqsu jindirizzaw l-ammont precedentement pattwit mas-socjeta' attrici;**

**Ghaldaqsant din il-qorti taqta' u tiddeciedi li filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti takkolji t-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-konvenuti u l-interessi mid-data ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Mejju tas-sena 2001.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**